**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**

**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Nadine Sant Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kompilazzjoni Numru: 570/2019**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Mario Xiberras)**

**(Spettur Elton Taliana)**

**Vs.**

**Renald Baldacchino**

**Illum, 17 ta' Lulju 2025**

**Il-Qorti,**

Rat illi tressaq b'arrest Renald Baldacchino, ta' 40 sena, iben Laurence u Pauline nee' Debattista, imwieled Attard nhar it-13 ta' Settembru 1979, residenti 52/54, Triq il-Mejjila, Qormi, detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 431079M.

*Akkużat talli f'dawn il-gżejjer fil-15 ta' Settembru 2019 u fix-xhur ta' qabel din id-data:*

*1. Xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħudin b'qerq jew akkwistati b'reat ta' serq, liema reat ikkwalifikat bil-valur meta l-ħaġa misruqa tkun tiswa aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) li oġġetti jikkonsistu f'Amplifier Randall RG100G3 li jiswa €600 u fi drumset li jiswa €1569 li b' kollox jammontaw għas-somma ta' €2169 liema oġġetti jappartjenu lil Leanne Zammit u/għal persuni oħra; (Art. 334, 267 Kap 9);*

*2. Fl-istess u ċirkostanzi wara li sar jaf li l-oġġett li kien fil-pussess tagħhom huma misruqa jew meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, naqas milli jagħraf lill-Pulizija b'dak il-fatt fi żmien ġimgħa minn meta sar jaf (Art. 334A Kap 9);*

*3. Ikkommetta reat punibbli bi priġunerija waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiża ta' priġunerija, liema sentenza ingħatat mill-Maġistrat Dr. A. Vella LL.D. nhar it-30 ta' Novembru 2017, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;*

*4. Naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mill-Maġistrat Dr. N. Galea Sciberras LL.D. fid-digriet tagħha ta' nhar it-28 ta' Marzu 2018 u digriet/i sussegwenti, li bih tat il-ħelsien mill-arrest taħt garanzija, u dan bi ksur ta' l-artikolu 579 (2) tal-Kodiċi Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*5. Naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mill-Maġistrat Dr. I. Farrugia LL.D. fid-digriet tiegħu ta' nhar il-11 ta' Diċembru 2018 u digriet/i sussegwenti, li bih tat il-ħelsien mill-arrest taħt garanzija, u dan bi ksur ta' l-artikolu 579 (2) tal-Kodiċi Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*6. Naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mill-Maġistrat Dr. S. Grech LL.D. fid-digriet tagħha ta' nhar il-21 ta' Frar 2019 u digriet/i sussegwenti, li bih tat il-ħelsien mill-arrest taħt garanzija, u dan bi ksur ta' l-artikolu 579 (2) tal-Kodiċi Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*7. Naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mill-Maġistrat Dr. Josette Demicoli LLD fid-digriet tagħha ta' nhar id- 29 ta' Lulju 2019 u digriet/i sussegwenti, li bih tat il-ħelsien mill-arrest taħt garanzija, u dan bi ksur ta' l-artikolu 579 (2) tal-Kodiċi Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*8. Sar reċidiv b'sentenza mogħtija mill-Qorti ta' Malta preseduta mill-Maġistrat Dr F. Depasquale LL.D. nhar it-13 ta' Ġunju 2017, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;*

*9. Sar reċidiv b'sentenza mogħtija mill-Qorti ta' Malta preseduta mill-Maġistrat Dr A. Grima LL.D. nhar il-11 ta' Ottubru 2018, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;*

*10. Sar reċidiv b'sentenza mogħtija mill-Qorti ta' Malta preseduta mill- Maġistrat Dr. Ian Farrugia LLD nhar il-29 ta' Jannar 2019, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.*

*Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena stabbilita mill-Liġi, tirrevoka l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest mogħti lil Renald Baldacchino u tordna l-arrest mill-ġdid tal-istess Renald Baldacchino, u dan ai termini ta' l-artikolu 579 (3) tal-Kodiċi Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Il-Qorti hija mitluba wkoll sabiex is-somom ta' €300, €1,500, u €8,000 bħala depożitu, u somom ta' €5,000, €9,000, €10,000 u €12,000 bħala garanzija personali tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta.*

Rat illi fl-udjenza tas-17 ta' Settembru 2019 l-Uffiċjal Prosekutur qara u ikkonferma l-akkużi bil-ġurament.[1]

[1] Folio 3-4 tal-atti proċesswali

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali skont l-Artikolu 370(4) tal-Kodiċi Kriminali sabiex il-kawża tiġi trattata bi proċedura sommarja.[2]

Rat illi fl-udjenza tas-17 ta' Settembru 2019 l-imputat iddikjara li m'għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat u deċiż bi proċedura sommarja.[3]

Rat illi matul l-eżami tal-imputat fl-udjenza tas-17 ta' Settembru 2019, ai termini tal-Artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat tenna li ma kienx ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.[4]

Rat illi fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2020 id-difiża talbet lil din il-Qorti sabiex tassumi l-funzjoni ta' Qorti Dwar id-Droga ai termini tal-Artikolu 8 tal-Att Dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija), Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, u talbet ukoll illi għal dan il-għan tkun tista' tressaq il-provi, sabiex turi illi r-rekwiżiti meħtieġa ai termini tal-Artikolu 8(2) tal-istess Kapitolu 537 huma sodisfatti.[5]

Rat id-digriet tagħha tat-2 ta' Ġunju 2020 li permezz tiegħu a tenur tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta din il-Qorti assumiet il-funzjoni ta' Qorti Dwar id-Droga.[6]

Rat illi waqt l-udjenza tat-3 ta' Novembru 2020 l-imputat b'mod volontarju għażel li jirreġistra ammissjoni inkondizzjonata għall-imputazzjonijiet dedotti kontrih, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata mill-imputat wara li l-Qorti, a tenur tal-Artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, avżatu u wissietu solennement bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni, u ikkonċedietlu

---

[2] Dok. ET1, Folio 8 tal-atti proċesswali
[3] Folio 7 tal-atti proċesswali
[4] Folio 7 tal-atti proċesswali
[5] Folio 91 tal-atti proċesswali
[6] Folio 137-147 tal-atti proċesswali

żmien biżżejjed sabiex jerġa' jikkonsulta mal-avukat tal-fiduċja tiegħu u jikkonsidra t-tweġiba tiegħu u, jekk ikun il-każ, jerġa lura minnha.[7]

Rat illi l-imputat reġa' tenna u ikkonferma l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu[8].

Rat illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat il-Qorti m'għandhiex alternattiva għajr li issibu ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u li a tenur tal-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta din il-Qorti setgħet tgħaddi għas-sentenza dwarhom fil-konfront tal-imputat.

Rat illi ma hemmx raġuni tajba ai termini tal-Artikolu 392A(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex il-Qorti tiddubita li nonostante l-ammissjoni tiegħu, l-imputat effettivament mhux ħati tar-reati addebitati lilu. Il-Qorti tqis, għalhekk li l-akkużi huma sodisfaċentament ippruvati.

Rat illi l-imputat ingħata l-ħelsien mill-arrest nhar it-28 ta' Settembru 2021 minn din il-Qorti kif presjeduta bil-kundizzjoni stretta li jirrisjedi u isegwi programm residenzjali mal-Aġenzija Sedqa, dan taħt garanzija personali ta' għaxart elef Ewro (€10,000), oltre kundizzjonijiet oħra.

Rat illi fis-seduta tat-23 ta' Lulju 2024 id-difiża talbet sabiex isir *pre-sentencing report*, liema talba ġiet milqugħa minn din il-Qorti.[9]

Rat il-fedina penali tal-imputat datata 14 ta' Awwissu 2024.[10]

Semgħet ix-xhieda kollha prodotti mill-partijiet.

Rat id-dokumenti kollha ppreżentati, ħadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawża.

[7] Folio 218 tal-atti proċesswali
[8] Folio 218 tal-atti proċesswali
[9] Folio 320 tal-atti proċesswali
[10] Folio 350-358 tal-atti proċesswali

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni ippreżentata nhar is-16 ta' Diċembru 2024.[11]

Semgħet lill-partijiet jittrattaw finalment fl-udjenza tat-13 ta' Jannar 2025.[12]

Rat l-atti kollha.

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.[13]

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-każ imur lura għas-27 ta' Mejju 2018 meta ġie irrapportat sgass ġewwa l-garaxx Rampol Building No. 6, Triq John Borg, Birkirkara.

Mill-investigazzjoni tal-pulizija irriżulta li xi ħadd kien sgassa l-bieb tal-fond imsemmi, daħal u seraq diversi oġġetti mużikali minn ġewwa l-fond. Sussegwentement, fit-13 ta' Settembru 2019, waħda mid-derubati Leanne Zammit informat lill-pulizija illi uħud mill-oġġetti misruqa kienu għal bejgħ fuq is-sit elettroniku Maltapark.

Mill-investigazzjonijiet tal-pulizija, ġie arrestat u imressaq quddiem il-Qorti l-imputat akkużat b'riċettazzjoni, akkużat li ikkommetta reat punibbli bi priġunerija waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiża ta' priġunerija, akkużat li kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu meta ġie akkordat il-ħelsien mill-arrest, u kif ukoll li huwa reċidiv.

**Ikkunsidrat**

[11] Folio 374-376 tal-atti proċesswali
[12] Folio 381a-381d tal-atti proċesswali
[13] Folio 382 tal-atti proċesswali

**Piena**

In vista tal-ammissjoni li ġiet reġistrata mill-imputat waqt is-seduta tat-3 ta' Novembru 2020, liema ammissjoni del resto saret volontarjament u fil-presenza tal-avukat difensur tiegħu u bl-osservanza tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 392A(1) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tqis li m'għandhiex għażla oħra għajr li issib lill-istess imputat ħati tar-reati addebiti kontrih u għalhekk ser tgħaddi sabiex tippronunzja sentenza fil-konfront tiegħu.[14]

Illi għall-finijiet ta' piena li għandha tiġi erogata, il-Qorti qieset, b'żieda maċ-ċirkostanzi kollha tal-każ is-segwenti fatturi:

1. Fl-atti tinsab il-fedina penali tal-imputat aġġornata sal-14 ta' Awwissu 2024. Illi l-fedina penali tal-imputat hija pjuttost refrattarja fejn fiha jinsabu reġistrati diversi sentenzi.[15]

2. L-imputat ma ammettiex fl-ewwel okkażjoni li seta' u fl-aktar stadju bikri. Fil-fatt irreġistra ammissjoni fi stadju avvanzat tal-proċeduri u ċioe wara tlettax-il xahar minn l-inizju tal-proċeduri.[16]

3. F'dan ir-rigward il-Qorti ikkunsidrat il-ġurisprudenza nostrana u dik ta' Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-ħati jammetti l-ħtijiet tiegħu fi stadju kmieni tal-proċess u b'hekk jiffranka ħafna xogħol u spejjeż inutli għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja.[17] Hawn hekk il-Qorti tagħmel referenza għal dak ribadit mill-Qorti tal-Appell Kriminali:

---

[14] Folio 218 tal-atti proċesswali

[15] Folio 350-358 tal-atti proċesswali

[16] Folio 218 tal-atti proċesswali

[17] **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**, Qorti Kriminali, 24/2/1997; **Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**, Qorti tal-Appell Kriminali, 7/7/2002; App. Nru: 385/2015, **Il-Pulizija vs. Andre Falzon**, Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri), 19/11/2015; App. Nru: 99/2017, **Il-Pulizija vs. Godfrey Formosa**, Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri), 26/10/2017; *Archbold 2021 Sentencing Guidelines*, Thomson Reuters, London, 2021; u, *Blackstone's Criminal Practice 2006*, Oxford University Press, Oxford, 2005

*"Kull Qorti kellha u għad għandha d-diskrezzjoni li tiddeċiedi hi jekk il-każ jimmeritax tnaqqis fil-piena minħabba li tiġi reġistrata ammissjoni. Aktar ma tkun bikrija l-ammissjoni, aktar il-Qorti tista' tkun propensa li tikkunsidra tnaqqis fil-piena minħabba f'hekk. Ma jfissirx, mill-banda l-oħra, li min ma jammettix mill-bidu nett u jibqa' jikkontesta l-akkużi li hemm dedotti kontra tiegħu għandu jkun penalizzat minħabba l-kontestazzjoni tiegħu. Kull persuna akkużata għandha dritt li tikkontesta l-akkużi dedotti kontra tagħha u tipproduċi x-xhieda idoneji. Għalhekk, filwaqt li min jammetti fi stadju bikri tal-proċess jista' jibbenefika minn tnaqqis fil-piena, dak li jkun m'għandux jiġi penalizzat jekk ma jammettix."*[18]

4. Għalhekk, il-Qorti tqis li l-ammissjoni tal-imputat għandha titqies bħala attenwanti favur tiegħu.

5. B'żieda għal dan, il-Qorti tqis ukoll illi l-ammissjoni saret mingħajr ebda riservi.

6. L-imputat ikkopera bis-sħiħ mal-Pulizija. Huwa irrilaxxja stqarrija u irrisponda għal kull mistoqsija li saritlu mingħajr ma ipprova jkun evażiv.

7. Illi bl-ammissjoni tiegħu l-imputat qed jinstab ħati tal-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjoni. Illi skond dak li jiddisponi l-Artikolu 17(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-imputat għandu jiġi ikkundannat għall-piena tad-delitt l-aktar gravi, dak ta' riċettazzjoni, li skond l-Artikolu 334(a) iġorr miegħu l-piena tas-serq ikkwalifikat bil-valur. Stante li l-valur tal-oġġetti akkwistati mill-imputat ma jeċċedix l-€2,329.37 japplika l-Artikolu 279(a) tal-Kodiċi Kriminali, u allura l-imputat għandu jiġi

[18] App. Nru: 13/2002, **Repubblika ta' Malta vs. Dominic Bonnici**, Qorti tal-Appell Kriminali, 11/11/2004

ikkundannat il-piena ta' priġunerija għal żmien minn ħames (5) xhur sa tliet snin (3).

8. Illi bl-ammissjoni tiegħu l-imputat qed jinstab ħati tat-tielet (3) imputazzjoni talli wettaq reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-30 ta' Novembru 2017, fejn l-imputat Baldacchino kien ikkundannat għal sentejn (2) ħabż sospiżi b'erba' (4) snin.[19] Illi skond l-Artikolu 28B(1) tal-Kodiċi Kriminali din il-Qorti għandha tordna li s-sentenza sospiża tibda isseħħ.

9. Illi f'dan ir-rigward il-Qorti qieset dak li jiddisponi l-Artikolu 28B(2)(a) tal-Kodiċi Kriminali fejn il-Qorti hija mogħtija l-fakultà li tastjeni milli tordna li s-sentenza sospiża għandha tibda isseħħ, b'dana illi l-perijodu operattiv ta' tali sentenza sospiża għandu jibqa' fis-seħħ.

10. Illi bl-ammissjoni tiegħu l-imputat qed jinstab ħati tar-raba' (4), l-ħames (5), is-sitt (6) u s-seba' (7) imputazzjoni li kollha jirrelataw ma' ksur ta' kundizzjonijiet imposti fuqu permezz ta' digrieti li bihom kien ingħata l-ħelsien mill-arrest. Il-Qorti rat illi l-prosekuzzjoni ippreżentat vera kopja tal-imsemmija digrieti u ċioe:

    - Digriet mogħti nhar it-28 ta' Marzu 2018 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mill-Maġistrat Dr. Natasha Galea Sciberras taħt depożitu fir-Reġistru tal-Qorti ta' tmint elef Ewro (€8,000) oltre garanzija personali ta' tnax-il elf Ewro (€12,000);[20]

[19] Dok. MS10, Folio 165-167 tal-atti proċesswali
[20] Folio 161 tal-atti proċesswali

- Digriet mogħti nhar il-11 ta' Diċembru 2018 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mill-Maġistrat Dr. Ian Farrugia taħt garanzija personali ta' għaxart elef Ewro (€10,000);[21]

- Digriet mogħti nhar il-21 ta' Frar 2019 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mill-Maġistrat Dr. Simone Grech taħt depożitu fir-Reġistru tal-Qorti ta' tlett mitt Ewro (€300) oltre garanzija personali ta' ħamest elef Ewro (€5,000);[22]

- Digriet mogħti nhar id-29 ta' Lulju 2019 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mill-Maġistrat Dr. Josette Demicoli taħt depożitu fir-Reġistru tal-Qorti ta' elf u ħames mitt Ewro (€1,500) oltre garanzija personali ta' disat elef Ewro (€9,000).[23]

11. Illi f'dan ir-rigward il-Qorti qieset dak li jiddisponi l-Artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, il-Qorti għalhekk trid timponi jew piena ta' multa jew piena ta' priġunerija bl-inqas tkun dik ta' erba' (4) xhur, jew dawn it-tnejn flimkien. Apparti dan, il-Qorti hija marbuta li tikkonfiska l-ammont stabbilit fid-digriet tal-ħelsien mill-arrest taħt garanzija fl-intier tiegħu jew f'parti minnu favur il-Gvern ta' Malta.

12. Illi fir-rigward tat-tmien (8), id-disa' (9) u l-għaxar (10) imputazzjoni, il-Qorti rat illi l-prosekuzzjoni esibiet vera kopja tas-sentenzi relattivi mogħtija fil-konfront tal-imputat,[24] u bl-ammissjoni tiegħu l-imputat qed jiġi ikkunsidrat reċidiv skond dak li jipprovdi l-Artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi

[21] Dok. MS8, Folio 162 tal-atti proċesswali
[22] Dok. MS7, Folio 160 tal-atti proċesswali
[23] Dok. MS6, Folio 158 tal-atti proċesswali
[24] **Il-Pulizija vs. Renald Baldacchino** mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mill-Maġistrat Dr. F. Depasquale nhar it-13 ta' Ġunju 2017, Dok. MS9, Folio 163-164 tal-atti proċesswali; **Il-Pulizija vs. Renald Baldacchino** mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mill-Maġistrat Dr. A M. Grima nhar il-11 ta' Ottubru 2018, Dok. MS11, Folio 168-171 tal-atti proċesswali; u, **Il-Pulizija vs. Renald Baldacchino** mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mill-Maġistrat Dr. I. Farrugia nhar id-29 ta' Jannar 2019, Dok. MS12, Folio 172-176 tal-atti proċesswali.

Kriminali. Għalhekk, din il-Qorti tista' meta tagħti piena iżżid l-istess bi grad jew tnejn.

13. Il-Qorti rat in-nota tal-Bord tar-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Drogi datata 8 ta' Lulju 2024 fejn il-Qorti ġiet informata illi l-imputat spiċċa l-*care plan* b'suċċess.[25]

14. Illi l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-fatt illi fi żmien il-kommissjoni tar-reat l-imputat kien maħkum mill-vizzju tad-droga, liema vizzju wassal lill-imputat sabiex jaqbad it-triq tal-kriminalità u kumpanija ħażina. Dan hekk kif jirriżulta mill-*pre-sentencing report* ippreżentat nhar it-8 ta' Ottubru 2024 mill-*probation officer* Anabel Ebejer.[26]

15. Il-Qorti semgħet lill-uffiċjal tal-*probation* Anabel Ebejer nhar it-8 ta' Ottubru 2024 li tagħat aġġornament fuq l-imputat u spjegat il-progress sostanzjali li kien għamel tul il-proċeduri. Fil-fatt l-imputat huwa ħieles mill-vizzju tad-droga u li jinsab f'impjieg stabbli ma' Wasteserv Malta.

16. Illi l-uffiċjal tal-*probation* irrakkomandat lill-Qorti tikkonsidra li tagħti piena ta' Ordni ta' *Probation* fil-konfront tal-imputat, skond l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, għall-perjodu li għandu jiġi determinat mill-Qorti.

17. Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha l-prosekuzzjoni abbraċjat ma' dak suġġerit mill-*probation officer* Ebejer in kwantu ta' piena li għandha tiġi erogata fil-konfront tal-imputat. Illi fir-rigward tal-imputazzjonijiet numru erba' (4) sa seba' (7), il-prosekuzzjoni issottomettiet illi l-Qorti għandha tikkonfiska somma konsiderevoli favur il-Gvern ta' Malta sabiex jiġu żgurati l-għanijiet tal-ġustizzja u l-prevenzjoni ta' reati.

[25] Folio 316 tal-atti proċesswali
[26] Dok. AB1, Folio 335-370 tal-atti proċesswali

18. Illi fit-trattazzjoni finali tagħha d-difiża abbraċjat ma' din il-pożizzjoni w qablet bis-sħiħ mal-piena ssuġġerita lill-Qorti mill-prosekuzzjoni u mill-*probation officer*. Fir-rigward tal-ksur tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest id-difiża issottomettiet illi l-Qorti għandha tagħti multa fil-minimu tagħha.

19. Illi l-Qorti m'hijiex marbuta ma' dak li ipproponew il-partijiet in linea ta' piena iżda tqis li din il-piena hija waħda legalment proponibbli u fil-parametri tal-liġi skond il-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

20. Illi l-Artikolu 142(1) tal-*Criminal Justice Act* 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi ħames prinċipji li għandhom jiġu segwiti fl-impożizzjoni tal-piena u ċioe:

*"(a) the punishment of offenders, (b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence), (c) the reform and rehabilitation of offenders, (d) the protection of the public, and, (e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence".*

21. Illi allura min hu imsejjaħ sabiex jiġġudika m'għandux iħares biss lejn l-interessi tal-persuna ikkundannata iżda għandu jara illi jħares l-interessi tal-vittma jew vittmi tar-reat u tas-soċjetà in ġenerali billi jagħti dik il-piena li għandha sservi bħala kastig għal min jikkometti r-reat, li tara li twassal għat-tnaqqis tal-kommissjoni ta' reati oħra, li tista' twassal għar-riabilitazzjoni u r-riforma tal-ħati, li tagħti il-ħarsien meħtieġ lill-pubbliku u li l-ħati jagħmel riparazzjoni għal ħażin li jkun għamel.

22. Dwar dan il-punt il-Qorti tal-Appell Kriminali saħqet illi:

*"Il-piena m'għandiex isservi bħala xi forma ta' vendikazzjoni tas-soċjetá fil-konfront tal-ħati. Il-piena għandha diversi skopijiet. Wieħed minnhom huwa sabiex jiġi riprestinata t-tessut soċjali li jkun ġie mċarrat bil-għemil kriminali ta' dak li jkun. Taħt dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet oħra, kemm*

*ir-riżarċiment tad-dannu da parti tal-ħati kif ukoll ir-riforma tal-istess ħati. Skop ieħor tal-piena huwa dak li tiġi protetta s-soċjetà. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-każ ta' persuni li b'għemilhom juru li huma ta' minaċċja għas-soċjetà dawn jinżammu inkarċerati u għalhekk barra miċ-ċirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-każ ta' reati gravi, is-sentenza tibgħat messaġġ ċar li jservi ta' deterrent ġenerali. Il-Qrati ta' ġustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanċ ġust bejn dawn u diversi skopijiet oħra tal-piena*".

Miżmumin fermi dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti tirrimarka illi r-reati li bihom l-imputat tressaq quddiemha huma ta' ċerta serjetà, aktar u aktar meta l-istess reati huwa akkumpanjati mill-aggravanti tar-reċidiva, li saru waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża, u kif ukoll li bil-kummissjoni tagħhom ġew miksura il-kundizzjonijiet imposti fuqu meta ġie mogħti l-ħelsien mill-arrest f'kawżi oħra kontrih. Dawn l-aggravanti jagħmlu l-pożizzjoni tal-imputat waħda xejn feliċi, u hawnhekk il-Qorti issib diffikultà mhux żgħira li tirrikonċilja l-piena applikabbli għall-każ bħal dan, inkluż bl-aggravanti, ma' dak li ġie sottomess mill-uffiċjal tal-*probation* u mill-partijiet. Il-Qorti trid bilfors tara li qed issir ġustizzja f'għajnejn is-soċjetà fi ħdan il-parametri tal-liġi.

Madanakollu, il-Qorti tqis illi l-imputat tul il-proċeduri wera' li kapaċi isegwi t-triq it-tajba. Irriżulta mill-*pre-sentencing report* illi l-imputat huwa ħieles mill-vizzju tad-droga u li jinstab f'impjieg stabbli ma' Wasteserv Malta. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti temmen illi piena karċerarja f'dan l-istadju m'hix ser tħalli l-frott illi wieħed ikun qed jistenna anzi l-kuntrarju. Għaldaqstant, ikun fl-aqwa interess tas-soċjetà u tal-imputat innifsu, illi huwa jerġa' jingħata l-opportunità jirriforma ħajtu u jitqiegħed taħt is-sorveljanza ta' uffiċjal tal-*probation*.

Fir-rigward tas-sentenza sospiża din tista' tiġi estiża ai termini tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 28B, biex b'hekk l-imputat ikollu mezz ta' kontroll fuqu li għandu iservi ta' deterrent għalih milli jerġa ixellef difrejh mal-liġi.

**Decide**

Għaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 28B, 49, 50, 267, 289, 334, 334A, 579(2), 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lil **Renald Baldacchino**, fuq ammissjoni tiegħu stess, **ħati** tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu, u tpoġġih taħt **Ordni ta'** ***Probation*** għall-perjodu ta' **tlett (3)** snin mil-lum b'dan li għal dan l-iskop qiegħda tordna li l-ħati jitqiegħed taħt is-sorveljanza t'Uffiċjal tal-*Probation* indikat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole.

A tenur tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' *probation* u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dik l-ordni u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-ordni ta' *probation*, jista' jingħata sentenza għar-reati li tagħhom instab ħati b'din is-sentenza.

Il-ħati jiddikjara li jaqbel ma' tali ordni.

Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-Ordni ta' *Probation* għandhom jiġu trażmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja uffiċjal tal-*probation* biex ikun responsabbli għas-sorveljanza tal-ħati.

L-uffiċjal tal-*probation* assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħati kull sitt (6) xhur.

Komunika: Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole

B'referenza għat-tielet (3) imputazzjoni, il-Qorti in vista tal-fatt illi s-sentenza ta' priġunerija sospiża datata 30 ta' Novembru 2017 skadiet fit-30 ta' Novembru

tal-2021 bit-trapass ta' erba' (4) snin, u peress illi l-Qorti tinsab sodisfatti illi illum l-imputat irrabilita ruħu, fiċ-ċirkostanzi l-Qorti qed tastjeni milli tittratta dwar din l-imputazzjoni.

B'referenza għar-raba' (4) imputazzjoni, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 579(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta hija tal-fehma li mhux opportun li tirrevoka d-digriet tal-ħelsien mill-arrest tat-28 ta' Marzu 2018 iżda tikkundanna lill-imputat għal multa ta' elf Ewro (€1,000) u tordna l-**konfiska** tal-ammont ta' sitt elef Ewro (€6,000) mill-garanzija personali favur il-Gvern ta' Malta.

B'referenza għal-ħames (5) imputazzjoni, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 579(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta hija tal-fehma li mhux opportun li tirrevoka d-digriet tal-ħelsien mill-arrest tal-11 ta' Diċembru 2018 iżda tikkundanna lill-imputat għal multa ta' elf Ewro (€1,000) u tordna l-**konfiska** tal-ammont ta' ħamest elef Ewro (€5,000) mill-garanzija personali favur il-Gvern ta' Malta.

B'referenza għas-sitt (6) imputazzjoni, il-Qorti li rat l-Artikolu 579(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta hija tal-fehma li mhux opportun li tirrevoka d-digriet tal-ħelsien mill-arrest tal-21 ta' Frar 2019 iżda tikkundanna lill-imputat għal multa ta' elf Ewro (€1,000) u tordna l-**konfiska** tal-ammont ta' elfejn u ħames mitt Ewro (€2,500) mill-garanzija personali favur il-Gvern ta' Malta.

B'referenza għas-seba' (7) imputazzjoni, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 579(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta hija tal-fehma li mhux opportun li tirrevoka d-digriet tal-ħelsien mill-arrest tad-29 ta' Lulju 2019 iżda tikkundanna lill-imputat għal multa ta' elf Ewro (€1,000) u tordna l-**konfiska** tal-ammont ta' erbat elef u ħames mitt Ewro (€4,500) mill-garanzija personali favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti, ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol.

**Mogħtija illum, nhar is-sbatax (17) ta' Lulju tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Sant Lia**

**Maġistrat**

**Courtney Zahra**

**Deputat Reġistratur**